

31997D0389

21.6.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 164/22

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-12 ta' Mejju, 1997****fir-rigward tal-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar il-prekursuri u s-sustanzai kimiċi użati frekwentement fil-manifattura illeċita tad-drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi**

(97/389/KE)

Il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

Billi l-Ftehim għandu jiġi approvat

Wara li kkunsidra t-Trattat illi jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 113, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2), u l-Artikolu 228(4) tiegħu,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika dwar il-prekursuri u s-sustanzai kimiċi illi huma frekwentement użati fil-manifattura ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi qiegħed jiġi hawnhekk approvat fisem il-Komunità.

Billi, fil-25 ta' Settembru 1995, il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni illi tinneozja, fisem il-Komunità, il-ftehim fuq il-kontroll tal-prekursuri tad-drogi u s-sustanzai kimiċi ma' l-Istati Membri ta' l-OAS;

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Billi l-Aġenda transatlantika identifikat bħala prijorità punt fir-relazzjonijiet ta' l-bejn il-KE u l-US, il-konklużjoni ta' ftehim dwar il-prekursuri tad-drogi illi jinkludu l-mekkaniżmu dwar konsultazzjoni speċifika dwar ta' qabel ma' ssir it-tagħbija fuq il-vapur;

1. Il-Komunità għandha tkun rappreżentata fil-Grupp Konġunt għas-Segwiment previst fl-Artikolu 11 tal-Ftehim mill-Kummissjoni, assistit mir-rappreżentanti ta' l-Istati Membri.

Billi l-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' din l-awtorizzazzjoni u d-disposizzjonijiet ta' l-Aġenda Transatlantika, kompliet in-negozjati ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika fil-11 ta' April, 1997;

2. Il-Kummissjoni hija awtorizzata illi tapprova, fisem il-Komunità, l-emendi ta' l-anness lill-Ftehim adottat mill-Grupp Konġunt ta' Segwiment taħt il-proċedura stabbilta fl-Artikolu 12 ta' l-imsemmi Ftehim.

Billi huwa xieraq illi l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni, b' konsultazzjoni ma' kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill, illi japprova l-emendi fisem il-Komunità; Billi l-Ftehim jipprovi illi dawn għandhom jiġu adottati mill-Grupp Konġunt għas-Segwiment; Billi, madankollu, din l-awtorizzazzjoni ser tkun limitata għall-emenda ta' l-anness ma' dan il-Ftehim jekk kemm-il darba tikkonċerna sustanti illi kienu diġa koperi mil-leġislazzjoni tal-Komunità dwar il-prekursuri tad-droga u s-sustanzai tal-kimika;

Il-Kummissjoni għandha tkun assistita f'dan il-kompitu minn kumitat speċjali nominat mill-Kunsill.

3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun limitata għal dawk is-sustanzai li huma koperti diġa' bil-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità fuq il-prekursuri tad-drogi u sustanzai kimiċi.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat illi jinnomina il-persuni illi għandhom is-setgħa illi jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbtu lill-Komunità ⁽¹⁾.

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, fil-21 ta' Mejju 1997.

Fisem il-Kunsill

Il-President

M. PATIJN

⁽¹⁾ Ara paġna 35 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.